# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. J.A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju, 2001**

**Numru 2**

**Cit. Nru. 85/98 AJM**

**Martin Fenech**

**vs**

**Emanuel Gatt**

**<u>Ir-rikors ta' l-appell</u>**

Fil-21 ta' Marzu, 2001, il-konvenut Emanuel Gatt interpona appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Marzu, 2001, bis-segwenti rikors:-

"1. Illi bil-prezenti citazzjoni l-attur ippremetta illi hu jippossjedi l-garage numru tmienja u ghoxrin (28) gia tmienja u disghin (98) b'entrata adjacenti numru disgha u ghoxrin (29) gia disgha u disghin (99), fi Triq il-Gdida, Hal-Luqa, kompriz l-ispazju miftuh tul il-faccata ta' l-istess garage sat-triq, soggett dan l-ispazju

ghal servitu' favur il-petrol station adjacenti, detenuta mill-konvenut, u li ghandha n-numru tal-bibien erbgha u ghoxrin (24, 25, 26 u 27) gia erbgha u disghin, hamsa u disghin, sitta u disghin u seba' u disghin (94, 95, 96 u 97), fl-istess Triq il-Gdida, Hal Luqa.

Illi din l-istess servitu' inholqot permezz ta' kuntratt pubbliku ta' divizjoni li sar bejn George Gatt u hutu fl-erbgha (4) ta' Settembru, elf, disa' mija u tnejn u sebghin (1972), fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Spiteri, fejn testwalment jinghad illi "is-service station, sakemm jibqghu jezistu l-pompi tal-petrol li hemm illum, ikollha d-dritt li tuza l-ispazju li hemm quddiem il-garage adjacenti, cioe' kif qieghed isir illum".

Illi l-imsemmi fond li jippossjedi l-attur gie fil-poter tieghu mill-poter ta' l-imsemmi George Gatt b'kuntratt pubbliku li sar fl-atti tan-Nutar Victor Miller, fit-tletin (30) ta' Settembru, elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982), fejn jinghad li "s-service station .......... ikollu d-dritt li juza l-imsemmi spazju mibjugh b'dan l-att, kif kien isir u kif ghadu jsir illum".

Illi fix-xhur ta' Lulju u Awissu tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997), il-konvenut, kontra r-rieda ta' l-attur, wahhal pompa ta' l-arja u ta' l-ilma f'dan l-imsemmi spazju u b'hekk aggrava din is-servitu' u mmolesta lill-attur fil-pussess tal-fond tieghu.

Illi, ghalkemm interpellat biex inehhi l-imsemmija pompa ta' l-arja u ta' l-ilma f'dan l-imsemmi spazju, anki permezz ta' ittra ufficjali tas-sebgha (7) ta' Awissu, 1997, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-attur talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex:

(i) tikkundanna l-konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti, huwa jnehhi l-oggetti li qieghed u wahhal fil-proprjeta' ta' l-attur, u fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur sabiex, a spejjez tal-konvenut, inehhi huwa stess dawn l-oggetti; u

(ii) tordna li l-attur jinzamm fil-pussess u tgawdija ta' hwejgu kif kien l-istat ta' fatt qabel ma l-konvenut immolesta lill-attur fil-pussess tieghu.

2. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonjiet tieghu l-esponent eccepixxa illi:

(i) ai fini tal-kuntratt ta' bejgh tat-2 ta' Mejju, 1998, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel, l-eccipjent sar proprjetarju tas-Service Station in kwistjoni, adjacenti ghall-garaxx ta' l-attur u bl-istess kuntratt, akkwista favurih id-dritt ta' uzu ta' l-ispazju li hemm quddiem l-istess garaxx, ghal skopijiet ta' Service Station.

(ii) Illi, effettivament, l-installazzjonijiet ta' pompa ta' l-arja u ta' l-ilma f'dan l-imsemmi spazju ghandhom jigu interpretati fl-istess sfond u cioe' bhala parti indivizibbli mill-uzu tas-Service Station u mhux bhala aggravament tas-servitu' in kwistjoni jew molestja fil-pacifiku pussess ta' l-attur.

Illi man-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-esponent ipprezenta kontro-talba fejn ippremetta illi:

Premess illi l-attur huwa l-proprjetarju ta' Shell Service Station bin-numru erbgha u ghoxrin (24) sa sebgha u ghoxrin (27), f'New Street, Luqa.

Premess illi skond il-kuntratt ta' akkwist, l-attur ottjena a favur tieghu l-uzu ta' l-ispazju ezistenti quddiem il-garaxx adjacenti ghall-service station, liema garaxx huwa proprjeta' tal-konvenut nomine.

Premess illi dan id-dritt ta' uzu, kien jappartjeni wkoll lill-proprjetarji precedenti tas-Service Station, fosthom, missier l-attur, u dan anki kif jidher mill-kuntratt ta' divizjoni.

Premess illi l-konvenut abuzivament u minghajr ebda dritt qed jipparkja l-karozza tieghu fl-ispazju quddiem il-garaxx tieghu, b'mod li qed jippregudika d-dritt ta' uzu li ghandu l-attur a favur tieghu;

Premess illi l-konvenut, interpellat biex inehhi l-karozza tieghu, baqa' iandempjenti;

Jghid ghalhekk, il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(i) tiddikjara jekk hemm bzonn li l-attur ghandu l-uzu ta' l-ispazju ezistenti quddiem il-garaxx adjacenti, proprjeta' tal-konvenut;

(ii) tordna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju, li tiffissa dina l-Onorabbli Qorti, jiddesisti milli jimmolesta l-uzu ta' l-attur ta' l-ispazju provdut u dan billi jnehhi l-karozza tieghu u ma

jaghmilx aktar uzu mill-istess spazju u b'hekk jirrientegra lill-attur fil-pacifiku pussess ta' l-istess spazju li tieghu ghandu d-dritt ta' uzu.

3. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-attur eccepixxa s-segwenti:

(i) Ai fini tal-kuntratt ta' bejgh tat-2 ta' Mejju, 1998, fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel l-eccipjent sar proprjetarju tas-Service Station in kwistjoni, adjacenti ghall-garaxx ta' l-attur u bl-istess kuntratt, akkwista favurih id-dritt ta' uzu ta' l-ispazju li hemm quddiem l-istess garaxx, ghal skopiijet ta' Service Station.

(ii) Illi, effettivament, l-istallazzjonijiet ta' pompa ta' l-arja u ta' l-ilma f'dan l-imsemmi spazju ghandhom jigu interpretati fl-istess sfond u cioe' bhala parti indivizibbli mill-uzu tas-Service Station u mhux bhala aggravament tas-servitu in kwistjoni jew molestja fil-pacifiku pussess ta' l-attur;

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili, b'sentenza tat-2 ta' Marzu, 2001, cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll il-kontro-talba tieghu;

Illi l-esponent hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u xtaq jinterponi umli appell.

Illi l-aggravji huma u jikkonsistu fis-segwenti:

A. Illi l-appellat hass li gie mmolestat fil-pussess tieghu ta' garaxx no. 28 fi Triq il-Gdida, Luqa, mill-appellant meta dan installa pompa ta' l-ilma u ta' l-arja f'din l-area.

Ghandu jigi sottomess illi, preliminarjament, il-pompa ta' l-ilma u ta' l-arja ma gietx installata mal-genb tal-garaxx, proprjeta' ta' l-appellat. Fil-fatt il-pompa ta' l-ilma u ta' l-arja giet installata mal-genb tal-hajt adjacenti ghal no. 29, u cioe' entrata ghal blokk ta' appartamenti li hija adjacenti mbaghad ghal garaxx in kwistjoni.

Fattur li m'huwiex kontestat f'din il-kawza hija li l-esponent ghandu servitu' ta' uzu ta' petrol station, liema petron station jinstab fl-ispazju miftuh tul il-faccata ta' l-istess garaxx u l-fond numru 29 u sat-triq.

Dan jirrizulta minn zewg kuntratti li gew esebiti fl-atti ta' din il-kawza u cioe' kuntratt ta' l-4 ta' Settembru, 1972 fl-atti tan-Nutar

Dr. Joseph Spiteri u kuntratt pubbliku iehor tat-30 ta' Settembru, 1982 ippubblikat fl-atti tan-Nutar Victor Miller.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza fehmet illi din il-kawza tammonta ghal interpretazzjoni kuntrattwali fil-kuntratt tad-divizjoni ta' l-4 ta' Settembru, 1972, fejn fl-istess kuntratt gie ddikjarat illi:

"Illi l-partijiet jaqblu li s-service station, sakemm jibqghu jezistu l-pompi tal-petrol li hemm illum ikollu d-dritt li tuza spazju li hemm quddiem il-garage adjacenti, cioe' kif qieghed isir illum....... sakemm jibqa' dan id-dritt ghall-uzu, il-proprjetarju tas-Service Station ihallas il-proprjetarju tal-garage tlett liri fis-sena dekorribbli mil-lum".

Dina l-Onorabbli Qorti interpretat fil-kuntratt ta' l-1972 li meta gie miftiehem illi l-petrol station kellu jigi ntuzat "kif qieghed isir illum" ifisser illi fl-ebda hin jew mument ma seta' l-appellant jinstalla pompa ta' l-ilma u ta' l-arja jew addirittura jghaddi l-pajpijiet necessarji sabiex dawn il-pompi jigu nstallati. Jekk dan isir, hemm molestja fil-pussess ta' l-appellat bhala proprjetarju tal-garaxx u l-ispazju miftuh sat-triq!

Illi l-appellant ma jistax jaqbel ma' din l-interpretazzjoni. Tali ftehim fil-kuntratt in kwistjoni jaghmel enfasi, fis-sens illi giet kreata servitu' favur l-appellant fl-ispazju msemmi sabiex ikompli jigi ntuzat bhala Service Station, b'dana illi, jekk kemm-il darba jitnehhew il-pompi u ma jergghux jigu nstallati fi zmien tlett snin, imbaghad l-appellat ikollu dritt jerga' jiehu l-proprjeta' lura u jaghmel uzu mill-istess spazju kif irid hu.

Dan kollu huwa mfisser b'mod car hafna fil-kuntratt ta' l-1972.

"Illi fil-kaz li l-pompi, ghal xi raguni jew ohra, jitnehhew, il-proprjetarju tas-Service Station ikollu zmien tlett snin sabiex ipoggi ohrajn minn flokhom u f'kaz illi dawn ma jsirux fiz-zmien fuq imsemmi, dan id-dritt ta' l-uzu jispiccalu u l-imsemmija art (jew spazju) issir libera minn dan l-obbligu b'mod li sidha jkun jista' jaghmel li jrid biha".

Ghalhekk il-frazi "kif qieghed isir illum" ghandha tinghata interpretazzjoni fis-sens illi l-ispazju kellu jibqa' jintuza bhala Service Station u mhux ghal skopijiet ohra. Fil-fatt jekk jitnehhew il-pompi biss, l-appellat ghandu kull dritt li jwaqqaf is-servitu' u jaghmel uzu minn dan l-ispazju kif irid hu.

L-interpretazzjoni ta' l-appellat ma tregix ghaliex il-fatt li giet kkreata servitu' favur l-appellant ghall-uzu ta' Service Station l-istallazjoni ta' pompa ta' l-arja u ta' l-ilma huma accessorji ta' Service Station u intrinsikament marbuta mas-servizz provdut. Dan il-fatt gie kkonfermat mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

Dina l-Onorabbli Qorti kkummentat ukoll li qabel l-1972 ma kienx hemm pompi ta' l-arja u ta' l-ilma u ghalhekk ma setghux issa jigu nstallati, izda mbaghad iddikjarat li huma accessorji. Kif jista' l-appellant joffri servizz minghajr ma jkun attrezzat u modernizzat skond il-bzonnijiet ta' llum.

Kif tista' tippretendi li tmur f'pompa tal-petrol, u tixtieq tonfoh tyre u ma tistax ghax m'ghandhomx pompa.

Imbaghad dina l-Onorabbli Qorti ossevat li l-pompi setghu gew installati f'arja ohra tas-Service Station. Li naqset li tifhem dina l-Onorabbli Qorti hija li l-appellat kellu jittollera servitu ta' pompa tal-Petrol tul l-ispazju miftuh, inkluz dak faccata tal-garaxx tieghu sat-triq.

Ghalhekk, il-pompi setghu isiru jekk kien hemm din is-servitu' u hawn li l-appellant ihoss ruhu l-aktar aggravt b'tali decizjoni.

Il-mertu ta' l-appell in kwistjoni jibbaza ruhu fuq il-kuncett civili ta' "Praedial Servitudes" li huwa spjegat taht l-Artikolu 400(1) tal-Kodici Civili fejn gie spjegat illi:

"Is-servitu hija jedd stabblit ghal vantagg ta' fond fuq fond ta' haddiehor, sabiex isir uzu minn dan il-fond ta' haddiehor jew sabiex ma jithalliex li sidu juza minnu kif irid".

Fin-noti tieghu Profs. Caruana Galizia spjega dan l-Artikolu bhala s-segwenti:

"The benefit may consist either in that the dominant tenement i.e. the owner "pro tempore" of such tenement may exercise some useful act to the detriment of the servient tenement, or in that it may prevent the owner of the servient tenement from making use of it freely. It may prevent him from exercising certain acts over his tenement, as from building or from planting trees, acts which otherwise, as owner, he would be at liberty to exercise".

Din l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 400 (1) hija cara daqs il-kristall u tispjega l-mertu tal-vertenza odjerna.

L-appellat ghandu jittollera li l-ispazju miftuh li hemm, kif ukoll l-ispazju faccata tul il-garaxx sat-triq, ghandu jintuza bhala servce station u li jista' jaghmel uzu minn dan l-ispazju kif irid sakemm jibqa' jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Dawn huma fatti kollha li ma gewx kontestati mill-appellat.

Irid jew ma jridx l-appellat kien ben konxju li kien hemm din il-pompa tal-petrol meta akkwistaha u jrid jew ma jridx ghandu jittollerah.

Meta installa l-pompa ta' l-ilma jew ta' l-arja, l-appellant ma mmolestjax lill-appellat fil-pacifiku pussess tieghu. Huwa mmodernizza l-pompa skond il-bzonnijiet ta' llum, pompa "automated" a servizz tal-pubbliku. Qatt ma varja l-uzu tal-pompa u meta nstalla l-istess, kien ghadu u baqa' jaghmel uzu ragjonevoli ta' l-istess pompa.

Ghandu jigi sottomess illi dwar l-allegati molestji l-ohra li jaghmel referenza ghalihom l-appellat hemm mill-provi prodotti, kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet jghid li hu jittollerahom.

B. Illi ghandu jigi sottomess illi dwar il-kontro-talba u nota ta' l-eccezzjonijet ghall-istess kontro-talba, l-appellant hass ruhu aggravat u l-aggravju jikkonsisti fis-segwenti:

Illi fid-decizjoni taghha l-Qorti tal-Prim'Istanza osservat illi ma ngabux provi dwar il-parkeggjar ta' l-appellat tal-vettura tieghu ezatt ma' din il-pompa.

L-appellant jichad ghal kollox din l-osservazzjoni. Fl-affidavit tieghu, l-appellant esebixxa ritratti mmarkati bhala dokumenti EC3, EC4 u EC5 fejn jidher car fejn qed jipparkja l-vettura tieghu.

Jekk l-appellat huwa l-propretarju tal-garaxx ma setghax jipparkja l-vettura tieghu fil-garaxx tieghu stess. Le! Jipparkja mal-pompa meta l-uzu ta' fl-spazju fl-arja in kwistjoni hija cara u mhux kontestat – uzu ta' service station.

Izda ghal darb'ohra dina l-Onorabbli Qorti tal-Prim'Istanza ghalkemm cahdet il-kontro-talbiet osservat illi ma tixtieqx tinftiehem hazin – "Id-dritt moghti lill-konvenut jipprekludi lill-attur milli b'xi mod l-appellat "milli b'xi mod, anki permezz tal-parking tal-vettura tieghu" jimmolesta l-uzu generali tal-passagg quddiem il-garaxx. Wiehed ghandu jifhem li l-klawsola fil-

kuntratt ta' divizjoni ta' l-1972 kienet marbuta mal-fatt li adjacenti ghall-garaxx ta' l-attur kien hemm service station fejn huwa mehtieg il-passagg liberu ta' vetturi u ghal ebda raguni ohra ghalhekk jekk l-attur jostakola tali passagg b'xi mod jew iehor ikun qed jikser l-obbligazzjonijiet assunti favur il-konvenut.

Fuq dan il-punt, li hija r-raguni vera ghalfejn saret din il-kawza (ghax l-appellat jinsisti li jipparkja l-vettura f'dan il-post) mhux kontestat li l-appellat m'ghandux dritt li jipparkja l-vettura tieghu. Il-fattur kontestat huwa li ghalfejn ghandu jipparkja f'dan l-ispazju meta l-kuntratt stess jispecifika li ma jistax jaghmel uzu mill-ispazju kif irid hu. Jipparkja fil-garaxx, proprjeta' tieghu. Minhabba l-ezistenza tas-servitu' in kwistjoni, l-appellat ma jistax jaghmel uzu assolut u cioe' mhux kif irid hu, izda uzu limitat u assoggettat ghal servitu' ta' service station, li bhala kuncett legali hija kkreata favur persuna fuq proprjeta' ta' terz.

Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi diga' migjuba u jirrizerva li jipproduci ohrajn, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Marzu, 2001 u tillibera l-konvenut mit-talbiet hemm dedotti u takkolji l-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine".

**Rikors tat-23 ta' April, 2001**

Fid-23 ta' April, 2001, l-appellantipprezenta is-segwenti rikors li bih talab korrezzjoni fit-talba tar-rikors ta' l-appell tieghu, fis-sens li din il-Qorti joghgobha tikkonferma l-kontro-talba tieghu filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-appellant.

"Illi l-esponent ipprezenta rikors ta' Appell quddiem dina l-Onorabbli Qorti.

Illi fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-esponent ghamel is-segwenti talba:

"Ghaldaqstant l-appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghall-provi diga' migjubau jirrizerva li jipproduci ohrajn, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tirrevokas-sentenzamoghtija mill-ewwel Qortifit-2 ta' Marzu, 2001 u tillibera l-konvenut mit-talbiet hemm dedotti u takkolji l-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine".

Illi fil-kawzaipprezentata quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-esponent kien ipprezenta kontro-talba;

Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Marzu, 2001, cahdetkemm l-eccezzjonijiet u l-kontro-talba tieghu, filwaqt li laqghet it-talbiet attrici;

Illi bi zvista l-esponent naqas li jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-kontro-talba ta' l-esponent filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-appellant.

Illi ghalhekk it-talba ta' l-esponent ghandha tkun is-segwenti:

"Ghaldaqstant, l-appellant, filwaqt li jaghmel riferenza ghal provi diga' migjuba u jirrizerva li jipproduci ohrajn, jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fit-2 ta' Marzu, 2001, u tillibera l-konvenut mit-talbiet hemm dedotti filwaqt li tikkonferma l-kontro-talbiet tieghu u takkolji l-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur",

U dan ai termini ta' l-Artikolu 175 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta".

**<u>Risposta</u>**

L-attur appellat oppona ghal din it-talba ghall-korrezzjoni ghaliex issottometta, li filwaqt li l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jippermetti korrezzjoni ta' zbalji fir-rikors ta' l-appell, fl-ebda hin ma kien jikkontempla addizzjonijiet ghall-appell gia prezentat li fihom infushom

kienu jammontaw ghal appell gdid minn parti ta' sentenza rigwardanti mertu kompletament differenti, f'dan il-kaz il-kontro-talba, u li ghaliha ma tkun saret l-ebda talba fir-rikors ta' l-appell originali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-appellant qieghed infatti jitlob zieda mat-talba tar-rikors ta' l-appell tieghu fis-sens li din il-Qorti zzid is-segwenti "tikkonferma l-kontro-talbiet tieghu". L-appellant jissottometti li din kienet semplici zvista li tat lok ghal zball li seta' jigi korrett fit-termini ta' l-artikolu 175 (2) tal-Kap 12. Dan is-subinciz hekk jiddisponi:- "Il-Qorti fil-grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti f'kull zmien sas-sentenza li jissewwa kull zball fir-rikors li bihom ikun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll kull zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru jew fid-data tas-sentenza appellata".

Din il-Qorti ezaminat ir-rikors ta' l-appell biex tistabilixxi jekk setghax b'gustizzja jinghad illi l-appellant kien ha zball meta idderiega it-talba fir-rikors ta' l-appell tieghu. Zball li kellu naturalment ikun rifless mill-korp ta' l-aggravju minnu avanzat fis-sens illi din il-Qorti kellha tkun sodisfatta illi t-talba ma kienetx korrettement tirrifletti l-aggravju jew parti rilevanti tieghu. Hu minn hawn biss li seta' jigi kostatat zball li necessarjament kellu jkun dovut ghal nuqqas ta' attenzjoni jew leggerezza, imma li

certament ma kellu jhalli l-ebda spazju ta' dubju li dak li verament intenda l-appellant li jappella minnu kellu effettivament jinkludi dak li hu stess qieghed issa jissottometti li gie zbaljatament espress.

Minn ezami tar-rikors ta' l-appell jidher li dan hu maqsum f'zewg partijiet. Fit-tieni parti disinjata bl-ittra B, l-appellant jissottometti aggravju specifiku fir-rigward tad-decizjoni fis-sentenza appellata fuq il-kontro-talba u fuq in-nota ta' eccezzjonijiet ghall-istess kontro-talba. Jigifieri l-appellant ghandu aggravju shih li fih jikkontesta d-decizjoni tas-sentenza appellata li cahdet il-kontro-talba tieghu b'insistenza li din kellha ghall-kuntrarju tigi milqugha fis-sens li kellu jigi dikjarat illi l-konvenut kellu l-uzu ta' l-ispazju ezistenti quddiem il-garaxx adjacenti l-propjeta' ta' l-attur, u konsegwentement, li l-istess attur kellu jigi kundannat jiddesisti minn molestja ta' dan l-uzu li kellu dritt igawdih il-konvenut l-appellant.

Kien allura ovvju u naturali, li una volta kien hemm dan l-aggravju specifiku fir-rigward tad-decizjoni fuq il-kontro-talba, illi din kellha tigi segwita b'talba ad hoc lill-Qorti li kellha takkolji l-kontro-talba ta' l-appellant. Il-fatt li tali talba ma saritx fir-rikors ta' l-appell, hu kjarament rizultat ta' zvista li ma jistax ma jigix kwalifikat bhala zball. Il-korrezzjoni mitluba allura kienet gustifikata fit-termini tas-subinciz (2) ta' l-artiklu

175. Korrezzjoni li, b'kull mod, ma kienetx sejra taffettwa l-linja difensjonali ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi t-talba kontenuta fir-rikors ta' l-appellant Emanuel Gatt tat-23 ta' April, 2001, qed tigi milqugha, u l-korrezzjoni kif mitluba awtorizzata. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

Dep/Reg

mm